MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 650/2002/1

**HSBC BANK MALTA p.l.c.**

vs

Carmelo sive Charles ZAMMIT, Marco, Joseph u Ruben aħwa ZAMMIT

Il-Qorti:

**Rat l-Att taċ-ċitazzjoni mressqa fil-5 ta' Ġunju, 2002 li bih is-soċjeta' attriċi ppremettiet:**

**Illi in forza ta' (a) kuntratt tat-3 ta' Frar 1981 (b) kuntratt tas-26 t'April, 1983 (c) kuntratt tat-2 ta' Diċembru 1985 (d) kuntratt tas-16 ta' Diċembru 1996 - ilkoll fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis, kif ukoll in forza ta' kuntratt ieħor tad-19 ta' Ġunju 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, il-bank attur kien ta lill-konvenut Charles Zammit faċilita' bankarja tat-tip overdraft, b'liema faċilita' il-konvenut Charles Zammit kellu l-possibilita li jiġbed somma li**

**ma teċċedix il- wieħed u sebgħin elf lira (Lm71,000) fuq il-kont kurrent tiegħu. Il-kuntratti hawn fuq riferiti huma eżebiti u markati bħala Dokumenti A, B, C, D u E;**

**Billi waħda mill-kondizzjonijiet tal-għotja ta' din il-faċilita' bankarja, hija li l-bank attur dejjem jirriserva favur tiegħu d-dritt li f'kull waqt jista' jitlob mingħand id-debitur, ir-rifużjoni ta' kull bilanċ li lilhu dovut b'sempliċi rikjesta miktuba;**

**Illi skond prospett eżebit u markat Dokument "F" il-bilanċ dovut mill-konvenut Charles Zammit lill-bank attur huwa ta' sitta u erbgħin elf, tmien mija u tlieta u sittin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm46,863.36) bl-imgħax sempliċi bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena mit-28 ta' Frar 2002 - l-aħħar darba li kienu debitati l-imgħax fuq il-kont;**

**Illi ulied il-konvenut Charles Zammit, ċioe' il-konvenuti l-oħrajn Marco, Ruben u Joseph aħwa Zammit, permezz ta' kitba ta' fidejussjoni tad-19 ta' Ġunju 2000 - eżebita bħala Dokument G - kif ukoll in forza tal-kuntratt Dokument E, daħlu bħala garanti solidali ma' missierhom il-konvenut Charles Zammit, sabiex jagħmlu tajjeb għal kull debitu li l-istess konvenut Charles Zammit jista' jkollu mal-bank attur;**

**Illi permezz ta' ittra bonarja tal-11 ta' Mejju 2001, mibgħuta lil kull wieħed mill-konvenuti, (Dokumenti H, I, J u K) kif ukoll permezz ta' żewġ ittri uffiċjali mibgħuta lill-konvenuti nhar is-27 ta' Settembru 2001 (Dokumenti L u M) il-bank attur interpella lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma fuq imsemmija;**

**Illi filwaqt li l-konvenut Charles Zammit naqas li jwieġeb għal din is-sejħa, mentri l-konvenuti l-oħrajn, Marco, Ruben u Joseph Zammit, wieġbu permezz ta' ittra uffiċjali tas-16 t'Ottubru 2001 Dok. N) li huma qegħdin jirrespinġu l-pretensjoni tal-bank attur;**

**Illi l-konvenuti naqsu li jħallsu id-debitu lejn il-bank attur mingħajr raġuni valida fil-liġi;**

**Illi għalhekk il-konvenuti kollha huma debituri in solidum lejn il-bank attur għas-somma imsemmija, b'dan pero' li jridu jagħmlu tajjeb għad-debitu tagħhom bil-beni parafernali biss, stante li l-obbligazzjoni minnhom assunta ma torbotx il-komunjoni tal-akkwisti bejnhom u r-rispettivi nisa miżżewġin lilhom (fejn japplika);**

**Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l- Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:**

**1. Tiddikjara lill-konvenuti in solidum bejniethom bħala debituri tal-bank attur fis-somma ta' sitta u erbghin elf, tmien mija u tlieta u sittin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm46,863.36) bl-imgħax sempliċi bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena mit-28 ta' Frar 2002 sal-effettiv ħlas;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex iħallsu lill-bank attur is-somma bl-imgħax kif imsemmi fit-talba preċedenti, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali imsemmija, kontra l-konvenuti li jibqgħu nġunti minn issa għas-subizzjoni;**

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi, flimkien mal-erbatax-il (14) dokument mehmużin magħha;**

**Rat in-noti mressqin waqt is-smigħ tal-lum stess li bihom il-konvenuti ammettew it-talbiet kif dedotti fiċ-ċitazzjoni;**

**Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirrizultaw pruvati;**

**Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi** billi tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi **kif dedotta fiċ-ċitazzjoni u tiddikjara lill-imħarrkin bħala debituri flimkien u in solidum bejniethom fil-konfront tal-bank attur fis-**

**somma ta' sitta u erbgħin elf, tmien mija u tlieta u sittin lira maltija u sitta u tletin ċentezmi (Lm46,863.36), flimkien mal-imgħax sempliċi fuq l-imsemmija somma b'effett mt-28 ta' Frar, 2002, sal-jum tal-ħlas effettiv; u**

Tilqa' t-tieni talba **u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu flimkien u solidalment bejniethom l-imsemmija somma u mgħaxijiet, flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża.**

**Moqrija**

ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.
22 t'Ottubru, 2002.

Charles Falzon
Deputat Reġistratur
22 t'Ottubru, 2002.